MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1203/2004

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Lorita Pace**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm297.48c (mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u tmienja w erbghin centezmu) bhala hlas ghal servizzi rezi lill-konvenuta in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 9925 3261.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Nadia Borg li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ Lm297.48c (mitejn u sebgha u disghin lira Maltin u tmienja w erbghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------